MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2510/2003

**Francis Xavier Farrugia**

**vs**

**Charles Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1343.10) rapprezentanti arrettrati ta' kera mit-23 ta Settembru 2002 sat-23 ta' April 2003 u danni kagunati mill-konvenut fil-fond Flat 3, Lourdes Flats, Sqaq 4, Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug liema fond kien propjeta' tal-attur u kien ghand il-konvneut b'titolu ta' lokazzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma

hija dovuta ebda kera u wkoll il-konvenut ma kkaguna ebda danni kif ser jigi pruvat waqtr it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, tal-Perit Malcolm Gingell u ta' Joanne Camilleri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijet.

Ikkunsidra:

L-attur huwa propjetarju tal-fond Flat 3, Lourdes Flats, Sqaq 4, Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug. Dan il-fond kien gie mikri lill-konvneut ghal perijodu ta' erba' snin u l-ammont li jifforma is-sorte fil-kawza odjerna jirrigwarda arretrati ta' kera ghall-perijodu bejn it-23 ta' Settembru 2002 sat-23 ta' April 2003. Il-fond kien jinkera lill-konvenut ghas-somma ta' Lm35.00 fix-xahar izda l-attur jispjega li fit-23 ta Jannar 2003 huwa kien informa lil mart il-konvneut li l-kera kient ser tizdied ghal Lm70.00 fix-xahar. L-attur jispjega li ghal habta ta' Settembru 2002 huwa kien skopra li l-konvenut u l-flamilja tieghu ma kienux ghadhom jirrisjedu fil-fond in kwistjoni u mart il-konvneut kienet talbitu jikri l-istess fond lil ohtha. L-attur jispjeg ali huwa kien irrifjuta li jaghmel dan u jghid li f'April 2003 il-konvenut kien ikkonsenja c-cwievet tal-fond billi hallihom fil-*letterbox* tal-attur. L-ahhar skadenza ta' kera thallset f'Settembru 2003. Meta l-attur mar fil-fond sab hafna hsara u sab ukoll xi affarijiet neqsin bhal pumijiet ta bibien, *mixers* tas-sinkijiet u *geysers*. L-attur inkariga perit sabiex jispezjona l-fond u jikkwantifika d-danni (ara rapporti tal-Perit Malcolm Gingell a fol. 13 sa 19 tal-process). L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta' Lm1028.10 rappresentanti d-danni kagunati mill-konvneut fil-fond propjeta' tal-attur u l-ammont ta' Lm315.00 bhala arretrati ta' kera.

L-attur irnexxielu jipprova soddisfacentement it-talbiet tieghu anki permezz tar-rapport peritali li jinsab esebit a fol. 13 sa 19 tal-process. Il-konvenut min-naha l-ohra naqas milli jiribatti dak sostnut mill-attur. Mart l-istess konvenut fix-xhieda minnha moghtija fis-seduta tas-16 ta'

Gunju 2004 ikkonfermat li hija u zewgha kienu hallew il-fond in kwistjoni fl-istat riportat fir-ritratti annessi mar-rapport tal-perit imqabbad mill-attur (a fol. 15 sa 17). Hija inoltre qalet li ma tiftakarx meta huma kienu hallsu l-ahhar skadenza ta' kera u naqset milli tressaq bhala prova il-ktieb tal-kera li kien fih l-ircevuti tal-iskasenzi ta' kera imhallsa mill-konvneut lill-attur. Joanne Camilleri ikkonfermat ukoll li meta hija telqet mill-fond propjeta' tal-attur kienet zammet ic-cavetta ghal certu zmien ghaliex xtaqet li l-fond jinkera lill-ohtha. It-Tribunal jidhirlu li x-xhieda ta Joanne Camilleri tikkonferma dak kollu sostnut mill-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm1343.10).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------